**QORTI CIVILI - PRIM AWLA**

**S.T.O. Prim Imhallef**
**Mark Chetcuti**

**Illum il-Gimgha, 10 ta' Lulju, 2020**

**Fl-atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni Nru. 827/2020**
**fl-ismijiet**

**Malta Air Traffic Services (MATS) Limited**
**vs**
**Malta Air Traffic Controller’s Association (MATCA)**

**Il-Qorti**

Din hi talba maghmula minn kumpanija li tipprovdi servizz ta’ immaniggjar u kontroll tat-traffriku tal-ajru sabiex din il-Qorti tinibixxi lil Union tal-impjegati tal-istess kumpanija milli tibda jew tkompli azzjonijiet industrijali in konnessjoni mal-hinijiet tax-xoghol u/jew shifts jew tiehu azzjonijiet li jippregudikaw il-pozizzjoni finanzjarja jew tfixkel is-sigurta tal-istess operat taghha.

Il-Union irrispondiet billi sostniet li t-talba ghal mandat hu prematur billi ma ittiehdu ebda azzjonijiet hlief sar avviz ta’ tilwima industrijali konnessa mal-kwistjoni ta’ shift roster u fi kwalunkwe kaz is-socjeta rikorrenti ma ghandha ebda jedd x’tippretendi billi l-mertu hu purament wiehed finanzjarju li jista’ jigi protett mod iehor u dak li qed issostni l-kumpanija bhala shift roster mhux parti mill-ftehim raggunt snin ilu oltre li jista’ jaghti l-kaz li anki l-ftehim provvizorju li kien sar f’Marzu kawza tal-imxija covid19 kien illegali ghax mhux konformi mal-Kap. 452 cioe sar bil-kunsens tad-Dipartiment tal-Impjiegi.

**Ikkunsidrat**

Jibda biex jinghad illi s-servizz soggett ghal dan il-mandat hu wiehed essenzjali u ghalhekk ma jistax jitwaqqaf. Daqstant iehor hu principju rilevanti illi trade union ghandha kull dritt li tohrog direttivi specjalment fejn gia hemm avviz ta’ tilwima

industrijali u ma titnezzax mill-funzjoni ewlenija taghha li thares il-jeddijiet tal-membri taghha fl-interess taghhom sakemm mhux ghal ragunijiet gravi jew serji.

Is-socjeta rikorrenti qed tipprova trazzan lil Union milli tiehu kwalsiasi azzjoni ulterjuri wara l-avviz li inghata ta' tilwima f'isem il-membri taghha biex ix-shift jerga' jmur lura ghal dak li kien qabel il-mizuri fil-bdil tax-shift maqbul bejn il-partijiet b'konsegwenza tal-covid19.

Is-socjeta rikorrenti issostni illi ghandha dan id-dritt. Qari tar-rikors promotur juri illi hi trid izzomm ix-shift maqbul provvizorjament tul l-imxija jew iehor li ipproponiet hi, izda mhux dak li ilu fis-sehh ghal snin konsiderevoli qabel il-covid19 maghruf bhala '5 watch roster' ghaliex l-imxija gabet maghha diffikultajiet finanzjarji kbar uhud imposti mill-Unjoni Ewropea li ghadhom hemm u illi r-ritorn ghal '5 watch shift' ser igib piz finanzjarju kbir li jista' jwassal li l-kumpanija tikkrolla u s-servizz essenzjali jsofri daqqa enormi fuq l-avjazzjoni. Mizjud ma' dan hija tghid li klawsola 7 tal-ftehim kollettiv li jiskadi fl-ahhar ta' din is-sena jaghti d-dritt lil kumpanija li tbiddel, tnehhi jew temenda l-hinijiet tax-xoghol sabiex tlahhaq mal-esigenzi tax-xoghol. L-istess klawsola tghid li minhabba n-natura tax-xoghol il-haddiema jahdmu bis-sistemi ta' shift/jew bil-gurnata skont l-esigenzi tal-kumpanija.

Il-Qorti mhix konvinta minn dan l-argument. Hu minnu li klawsola 7 tal-ftehim kollettiv jghid li l-kumpanija tista' tvarja hinijiet tax-xoghol pero dan biex tlahhaq mal-<u>esigenzi tax-xoghol</u> (sottolinear tal-Qorti). Hu minnu wkoll li tul dawn l-ahhar xhur l-istess kumpanija qed issofri minn nuqqas serju ta' dhul finanzjarju. Pero dan hu bizzejjed biex jinghad u jigi asserit li ghandha jedd prima facie li twaqqaf Union milli tiehu azzjoni f'isem il-membri taghha fuq il-hinijiet tax-xoghol ossia shifts kif kienu maqbula qabel il-covid19? Jirrizulta mill-atti illi l-'5 watch roster' kien il-programm ta' shift maqbul bejn il-partijiet sa minn zmien ilu. Aktar minn hekk il-'manual of deployment' maqbul bejn il-partijiet fit-<u>3 ta' Gunju 2020</u> (fol. 7 tal-atti sottolinear tal-Qorti) iqis il-'5 watch roster' bhala dak applikabbli ghal haddiema. Dan gie iffirmat meta l-imxija kienet gia bdiet tbatti f'Malta u s-socjeta rikorrenti keinet gia qed tbati l-effetti finanzjarji tal-imxija.

Apparti l-kwistjoni mqanqla mill-Union intimata li anki l-mizuri provvizorji ta' shift addottati minn Marzu minhabba l-imxija ma kellhiex l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Impjiegi (ara Dok. ISB1) u ghalhekk ma kinitx legali fiha nfisha ai termini tal-artikolu 42 tal-Kap. 452, tibdil fil-kundizzjonijiet ta' xoghol jew allokazzjonijiet ta' xoghol kellhom l-ewwel isibu l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Impjiegi u fin-nuqqas ta' qbil mal-Union tal-haddiema hemm ir-rimedji li jaghti l-Kap. 452 izda zgur mhux il-mizura eccezzjonali li tohnoq id-dritt tal-Union li tiddefendi legalment id-drittijiet pretizi tal-haddiema.

Il-Qorti tqis ukoll illi fl-updated Covid Risk Assessment maghmul mis-socjeta rikorrenti fil-11 ta' Gunju 2020 jirrizulta illi mill-lat ta' konsiderazzjonijiet ta' sahha s-

sistema ta’ rostering setghet tmur lura ghal li kienet qabel il-covid19. Hu minnu li jissemma l-effett finanzjarju li l-kumpanija qalet ser tikkonsidra (Dok. 1 fol.17-18) pero dan ifisser illi t-talba ghal hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni hu marbut sfiq mal-kwistjoni finanzjarja li qed tiffaccja s-socjeta rikorrenti u mhux ma’xi dritt iehor specjalment dak li izzomm lil Union milli tipprotegi l-interessi tal-haddiema taghha fuq kwistjoni ta’ shifts li kieku ma kienx ghal qaghda finanzjarja hazina li qed issostni li ghaddejja minnha s-socjeta rikorrenti, qatt ma kien hemm kwistjoni dwarha billi s-sistema kienet hemm qabel l-imxija u giet konfermata fit-3 ta’ Gunju 2020 kif fuq inghad. Sitwazzjonijiet simili ta’ nuqqas ta’ qbil ma jigux solvuti b’mandat ta’ inibizzjoni izda bil-proceduri ta’ natura industrijali li huma accessibbli ghal partijiet.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tqis li s-socjeta rikorrenti ma ippruvatx li ghandha dritt prima facie milli izzomm lil Union intimata milli tiehu azzjonijiet industrijali skont il-ligi u ghalhekk qed tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tas-6 ta’ Lulju 2020 u tichad it-talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni, spejjez ghas-socjeta rikorrenti

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur